# 7

## *Ufficcju ta-Magistrat*
## *Gurnata*

| | |
|---|---|
| MME BLACHE | X'affan haw'! |
| PHELYPEAUX | L-emozzjoni tieghek nifhimha |
| MME BLACHE | Qed inwegga' niehu n-nifs |
| PHELYPEAUX | Kunjomok ismek eta' stat professjoni |
| MME BLACHE | Blache Caroline sitta u erbghin sena<br><br>Armla |
| PHELYPEAUX | Professjoni |
| MME BLACHE | Minghajrha |
| PHELYPEAUX | Toqghod? |
| MME BLACHE | 15 Chemin de la Tourelle |
| PHELYPEAUX | Inti tigi minn jew b'mod relatata ma' Blache Nicolas jew kont fis-servizz tieghu? |
| MME BLACHE | Kien ir-ragel tieghi |
| PHELYPEAUX | Ahlef li tghid il-verita' kollha u xejn iktar mill-verita' |

| | |
|---|---|
| MME BLACHE | Nahlef |
| PHELYPEAUX | Jien qed nisimghek bhala xhud fil-kaz tal-qtil ta' Blache Nicolas li gara matul il-lejl ta' bejn il-hamsa u s-sitta ta' Gunju |
| MME BLACHE | Kien l-ewwel Erbgha tax-xahar Sur Magistrat l-assassin kien jaf forsi<br><br>Li kull l-ewwel Erbgha tax-xahar<br><br>Ghaliex jien responsabbli mill-bejgh tat-Tupperware f'dawn l-inhawi kull l-ewwel Erbgha tax-xahar norganizza demonstration tat-Tupperware d-dar ta' wiehed jew wahda mill-klijenti tieghi<br><br>Meta ergajt lura d-dar dik il-lejla fil-hdax ta' bil-lejl kienet qed iddoqq il-Knisja ta' San Frangisk il-bieb ta' barra kien imbexxaq dan kien issorprendieni imbaghad il-kumplament tafu diga' rrakkuntajtu kemm-il darba lill-pulizija<br><br>Il-lampa kienet mixghula. Hu kien mimdud bhal kull lejla fuq is-sufan Kellu jghaddi xi ftit hin qabel ma ndunajt  hsibtu rieqed imma Azur il-kelba x-xiha taghna bdiet iddur madwaru imbaghad madwari u tinghi<br><br>Kollox kien floku fil-kamra<br><br>M'hemm l-ebda dubju hu kien rieqed fi x'hin dahal l-assassin seta' jasal sa hdejh imissu fuq il-qmis bir-rivolver<br><br>Kienet qmis li kien ghadni kif xtrajtlu<br><br>U jispara kiesah u biered |
| PHELYPEAUX | Minn distanza qasira skond l-ezamijiet ballistici |
| MME BLACHE | Mela allura sinjal li dahal inkiss inkiss<br><br>Ahna dejjem immexxu l-firroll minhabba n-nuqqas ta' sigurta' li hawn f'dawn iz-zmenijiet fit-toroq taghna |
| PHELYPEAUX | U l-ebda kaz ta' sgass ma gie relevat |

| | |
|---|---|
| | Min barra int u r-ragel tieghek kellu c-cavetta ?<br><br>Hadd ? Ma kienx hemm hlief iz-zewg cwievet taghkom?<br><br>Iskot jekk joghgbok ippermetti lil Mlle Belot tista' ggiblek xi haga x'tixrob |
| MME BLACHE | Huwa possibbli minflok jekk nitlobkom tifthu t-tieqa ? |
| PHELYPEAUX | Sfortunatament haw xi kurrenti ta' l-arja li jistghu jtajru l-karti |
| MME BLACHE | Dawn il-lejliet ta' l-Erbgha s-soltu kien jistennieni u mhux l-ewwel darba li qabel ma ergajt lura marret ghajnu bih<br><br>Kien mimdud wiccu 'l isfel Sur Magistrat kien jidhol lura mill-ufficcju wara tlett snin qghad kien ghadu ma darax ir-ritmu<br><br>Il-weekends kollha jew kwazi kien jibqa' mkahhal mas-sufan hu li sa ftit zmien qabel kien jinkwieta tant biex izzomm ruhu fit |
| PHELYPEAUX | Bejnietkom |
| MME BLACHE | Konna koppja  maghquda  ir-rabta iktar kienet tissikka meta kien ikollna xi nghidu<br><br>Il-fortuna taghna t-tnejn meta rega' sab xoghol Sur Magistrat kienet wahda li hadd ma jista' jiddeskriviha<br><br>Dak iz-zmien kien veru li kien sar qisu naqra mohhu mhux hemm u jitlghulu malajr |
| PHELYPEAUX | Kien hemm tensjoni bejnietkom ? |
| MME BLACHE | Le dik temminhiex kellu hafna bdil fil-burdati<br><br>It-Tabib Delalande qalli li kien fenomenu noramli hafna ta' |

| | |
|---|---|
| | dekompressjoni |
| PHELYPEAUX | Il-girien ta' hdejkom ezatt gieli semghu xi ghajjat |
| MME BLACHE | Anke jien kien hemm bzonn li xi kultant taqbizli |
| PHELYPEAUX | Dazgur<br><br>Nergghu lura ghall-istorja ta' hajtek Mme Blache<br><br>Kien ragel li lahaq fejn ried u imbaghad caqq pum ha gambetta<br><br>Il-mod kif irnexxielu jerga' jqum fuq saqajh wara z-zelqa<br><br>Is-sinjur li jsir tallab u li jerga' jsir sinjur<br><br>Kien hemm xi hadd madwaru li ma kellux l-istess xorti ? |
| MME BLACHE | Imma min? |
| PHELYPEAUX | Jghir |
| MME BLACHE | Ma narahiex hekk |
| PHELYPEAUX | Jivvendika ruhu |
| MME BLACHE | Minn xhiex? |
| PHELYPEAUX | Hemm bzonn naslu ghall-mottiv Mme Blache |
| MME BLACHE | Kien jghidli kollox? |
| PHELYPEAUX | Ikkoncentra l-memorja tieghek fuq l-ahhar ftit jiem qabel li gara |

| | |
|---|---|
| | Kien hemm xi cirkustanza partikulari? |
| MME BLACHE | Fil-gimgha ta' qabel Nicolas kien jidher eccitat. Kien ghadu kemm jintaghzel minn fost ma nafx kemm nghidlek qieghda ta' certa eta' biex jidher fi programm telviziv |
| PHELYPEAUX | Mlle Belot ittajpja (huwa jiddetta u hi tittajpja) Kull min jafni jaf li kull l-ewwel Erbgha tax-xahar jien ma nkunx id-dar ghax inkun qed niehu hsieb serata ta' bejgh tat-Tupperware fullstop Dik il-gurnata ta' l-Erbgha meta ergajt lura kien il-hdax ta' bil-lejl sibt ir-ragel tieghi maqtul minn tir go qalbu fuq is-sufan full-stop mill-iktar fis possibbli jien avzajt il-pulizija full-stop inti m'ghedthiex imma ghamiltha allura se nzidha mal-process verbali l-ebda taqlib fuq il-post full-stop il-bieb ta' barra kien imbexxaq full-stop hadd hlief zewgi u jien ma kellu c-cavetta full-stop ma kont naf b'hadd li seta' kien ghadu ta' zewgi li kien ilu li sab ix-xoghol biss sitt xhur wara li kien ilu qieghed ghal zmien twil full-stop konna koppja maghquda u l-glied taghna kien superficjali Zewgi kien qed jipprepara lilu nnifsu b'certa ansjeta' biex jippartecipa go program televiziv meta sar vittma ta' dan il-qtil full-stop ghandek xi haga x'izzid? Tara l-intenzjonijiet tieghek f'dak li ghedt? Tixtieq li nergghu naqrawhom? Nista' nitolbok tiffirma x-xhieda tieghek?<br>U issa ipprova Mme Blache strieh ftit<br><br>Nirringrazzjak<br><br>(Mme Blache tohrog)<br><br>Mara zghira ta' qalb tajba imma ta' wicc b'iehor<br><br>L-inkwiet taghha mhux ta' veru |
| BELOT | Kulhadd hekk dejjem jahsbu li huma obbligati juru d-dwejjaq taghhom<br><br>Anke meta jkun ta' veru |
| PHELYPEAUX | Is-soltu n-nisa dawn it-tip t'affarijiet jaghmluhom izghar<br><br>Se tmur tipprova tibni hajjitha mill-gdid |

| | |
|---|---|
| | Sakemm<br><br>Dur jekk joghgbok |
| BELOT | Inti ma teskludix |
| PHELYPEAUX | Liebsa qmis li ghadek m'ghedtlix |
| BELOT | U ghax hemm raguni<br><br>Rigal li rcevejt il-bierah |
| PHELYPEAUX | Ghaliex qed tinghi?<br><br>l-ammiratur tieghek taf sewwa ghandu gosti tajbin anke jekk iddur ghan-naha l-ohra<br><br>jien ma nhalli xejn barra<br><br>Anke jekk dan l-ghonq barra jidher naqra ezagerat ghal fejn qeghdin<br><br>Hemm bzonn nevitaw affarijiet li jistghu jfixklu x-xhieda |
| BELOT | Jew il-Magistrat |
| PHELYPEAUX | Min imiss sinjorina dahhal ix-xhud li jmiss jekk joghgbok |